

Brussell, 18 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10067/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0104 (COD)**

**CODEC 775
AGRI 263
AGRIORG 76
AGRIFIN 66
POSEIDOM 5**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 228/2013 fir-rigward ta' assistenza addizzjonali lil reġjuni ultraperiferiċi affettwati minn diżastri naturali severi, u aktar flessibbiltà fir-rigward tagħhom, u fil-kuntest tal-ħerba f'Mayotte kkawżata miċ-ċiklun Chido (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv - Deċiżjoni għal deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fit-23 ta' April 2025, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikoli 42, 43(2) u 349 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Ġunju 2025².

¹ 8224/25.

² Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-17 ta' Ġunju 2025 billi inkorpora l-proposta tal-Kummissjoni wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti. Din il-pożizzjoni għandha tkun aċċettabbli għall-Kunsill³ peress li tikkorrispondi għall-qbil milħuq mill-Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura⁴ fid-19 ta' Mejju 2025.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 16/25, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss;
 - jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni kif indikat fil-preambolu tal-att leġislattiv.
5. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ 9730/25.

⁴ 9138/25.